MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-17 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 174/2005

**Avviz numru 174/05DM**

**Maltacom p.l.c. – C 22334**

**Vs**

**Il-Forchettone Limited – C20725**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal- kumpanija konvenuta, ghall-hlas tas-somma ta' elf, hames mija u hmistax-il lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm1,515.89) rappresentanti ammont ta' numru telefoniku 21389363 (skond kif jirrizulta mill-anness ma' l-Avviz 'statement' Dok A) liema servizz gie stallat fil-fond 'Zacchini' 27, Ball Street, Paceville, St. Julians (CN1061055 a/c 10131500) u dana kif jirrizulta mill-kopja ta' l-applikazzjoni annessa ma' l-Avviz u mmarkata Dok B.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, u ta’ l-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-kumpanija konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti meta notifikati pprezentaw fir-registru ta’ din il-Qorti nota ta’ ammissjoni fit-8 ta’ Frar, 2006;

Ghaldaqstant fuq ammissjoni t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghda tilqa’ it-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz qieghda tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta’ elf, hames mija, hmistax-il lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm1, 515.89), bl-imghaxijiet legali b’effett mill-1 ta’ April, 2005.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------